SERVIZZ PUBBLIKU
dejjem miegħek

# Charter ta' Servizz ta' Kwalità

**Data meta magħmul: Ġunju 2021**

**Numru tal-Verżjoni: 3**

**Dipartiment responsabbli biex jaġġorna dan id-dokument: Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti**

Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti
Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd
u d-Drittijiet tal-Annimali (MAFA)
110, Triq Annibale Preca, Ħal Lija LJA1915

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI
DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-PJANTI

# WERREJ


1. Għan 4
2. Min aħna u x'nagħmlu 4
3. Prinċipji gwida 5
4. Klijenti Tad-Direttorat Għall-Ħarsien Tal-Pjanti 6
5. Impenn tas-Servizz 6
6. Kif tista' tikkuntattjana 8
7. Aħna qegħdin għad-dispożizzjoni tiegħek 8
8. Feedback u lmenti 9
9. Impenn għal titjib kontinwu 10
10. Appendiċi 1 12

## 1. GĦAN

Is-servizzi li nipprovdu huma msejsa fuq Charter ta' Servizz ta' Kwalità li jinforma lill-klijenti tagħna dwar il-livell ta' servizz li għandhom jistennew li jirċievu. Dan jirrifletti l-impenn tagħna, kif ukoll dak tas-Servizz Pubbliku ta' Malta, għall-għoti ta' Servizz ta' Eċċellenza billi jħaddan il-Mudell ta' Kwalità tal-4 Pilastri li fuqhom huwa msejjes is-Servizz Pubbliku:

**VUĊI**: Nisimgħu lill-klijenti u ma niddejqux nisimgħu l-kritika għas-servizz li noffru u l-ideat li jkollhom kif intejbu s-servizz għalihom. Naraw l-ideat li l-klijenti jwasslulna u nsaħħu l-iskema ta' ideat li jiġu minn fost l-impjegati;

**DISINN:** Niffurmaw politiki u proċessi li jilħqu l-livelli mixtieqa mill-klijenti;

**PAKKETT:** Servizz f'waqtu, ta' livell u faċli li jilħaq u jintlaħaq;

**KONTABILITÀ:** Il-qofol ta' servizz onest u li jagħti garanzija ta' onestà. Kontabilità tfisser ukoll lealtà lejn il-klijent li jagħmel użu mis-servizz li nagħtu li tissarraf u tkun manifestata f'dawn l-istess prinċipji bażiċi li rridu nħaddmu.

## 2. MIN AĦNA U X'NAGĦMLU

### IL-MISSJONI TAGĦNA

Id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti għandu bħala missjoni l-ħarsien tas-saħħa u l-kwalità tal-produzzjoni tal-pjanti, taż-żrieragħ, u ta' materjal ieħor li jintuża għat-tkattir tal-pjanti. Dan isir billi jżomm milli jiġu introdotti u mferrxa organiżmi li jikkawżaw mard u dannu fil-pjanti, u billi jaħdem favur il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli ta' riżorsi ġenetiċi ta' importanza fil-qasam tal-ikel u tal-agrikultura.

## 3. PRINĊIPJI GWIDA

L-operat kollu tagħna jimxi fuq u huwa kommess għall-10 Kriterji ta' Servizz ta' Kwalità:

**AFFIDABILITÀ:** L-informazzjoni pprovduta minna hija waħda affidabbli u b'garanzija ta' eżattezza fil-ħin li din tkun ġiet ipprovduta. Inti għandek id-dritt li titlob li kwalunkwe informazzjoni mogħtija minna tiġi kkonfermata bil-miktub.

**TWEĠIB EFFETTIV:** Aħna kommessi nirrispettaw il-Once-Only Principle billi nipprovdu servizz li huwa eżatt u f'waqtu, u dan waqt li nipprovdu pariri oġġettivi u infurmati fuq kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tagħna. Aħna se niżguraw li l-klijent ikun appoġġjat mill-bidu sal-aħħar sabiex jirċievi s-servizz mitlub.

**KOMPETENZA:** L-istaff tagħna għandu l-ħiliet neċessarji biex jipprovdi servizz infurmat, imparzjali, u b'korteżija.

**AĊĊESS:** Is-servizzi tagħna huma faċilment aċċessibbli permezz ta' ħinijiet ta' ftuħ konvenjenti, servizz telefoniku effettiv, u servizzi online effiċjenti u personalizzati. L-uffiċċji pubbliċi tagħna huma fiżikament aċċessibbli għal persuni b'diżabilità.

**KORTEŻIJA:** Aħna niżguraw li s-servizz tagħna jiġi mogħti b'rispett u b'mod edukat, b'kunsiderazzjoni sħiħa lejn il-proprjetà tal-klijent.

**KOMUNIKAZZJONI:** Aħna kommessi li nżommuk infurmat b'lingwaġġ li m'għandux terminoloġija teknika, billi nisimgħuhom u nispjegawlhom is-servizz flimkien ma' kwalunkwe spejjeż involuti, skont u fejn applikabbli.

**KREDIBILITÀ**: Aħna niżguraw li d-deċiżjonijiet tagħna huma bbażati fuq proċeduri u kriterji definiti minn qabel u li dawn ikunu spjegati lilek b'mod ċar. L-istaff tagħna huwa marbut li jaġixxi b'mod etiku.

**SIGURTÀ:** Tittieħed attenzjoni biex niżguraw li l-uffiċċji pubbliċi tagħna huma f'konformità ma' rekwiżiti standard ta' sigurtà fiżika. Dawn huma maħsuba biex jassiguraw il-privatezza tiegħek. Kwalunkwe informazzjoni provduta se tintuża biss għall-iskop li għalih tkun miġbura, filwaqt li din l-informazzjoni se tiġi pproċessata f'konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti.

**NIFHMU/INSIRU NAFU 'L-KLIJENT:** Il-proċessi tagħna huma mfassla biex jgħinuna nifhmu u nissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek u biex noħolqu l-inqas inkonvenjent possibbli, mingħajr ma niddiskriminaw abbażi ta' ġeneru, status, età, abilità, nazzjonalità, u twemmin reliġjuż u politiku.

**ASPETTI TANĠIBBLI:** L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur fejn is-servizzi tagħna jistgħu jiġu aċċessati b'mod sigur u konvenjenti.

## 4. KLIJENTI TAD-DIRETTORAT GĦALL-ĦARSIEN TAL-PJANTI

Id-Direttorat joffri s-servizzi tiegħu lill-bdiewa, il-produtturi, l-impurtaturi, l-aġenti u d-distributuri tal-pjanti u materjal ieħor relatat, liċ-ċentri kummerċjali li jkabbru u jbiegħu l-pjanti u materjal ta' dan it-tip (bħall-mixtliet u ħwienet), lis-sidien ta' mħażen u ċentri tal-kunsinna, lin-negozji li jimmanifatturaw materjal tal-imballaġġar, lis-sidien ta' negozji oħra li għandhom xogħol marbut mal-pjanti, ma' materjal relatat, u ma' riżorsi ġenetiċi li mhumiex ġejjin mill-bniedem, kif ukoll lill-konsulenti tekniċi, akkademiċi, xjentisti u riċerkaturi, għaqdiet volontarji, Ministeri, flimkien ma' entitajiet oħra tal-Gvern, u l-pubbliku in ġenerali.

## 5. IMPENN TAS-SERVIZZ

Aħna niżguraw li nonoraw b'mod assolut, kull żmien li jieħu s-servizz u li jkun fil-kontroll tagħna. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi fuq dipartimenti jew entitajiet oħra, aħna kommessi li nikkuntattjawhom aħna stess sabiex inti tkun tista' tirċievi tweġiba finali fil-ħin.

| | |
|---|---|
| **KOMUNIKAZZJONI** | Speċifika, dritt għall-punt u mingħajr termini tekniċi. Kull informazzjoni tkun mogħtija kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Korrispondenza li nirċevuha bil-Malti nweġbuha bil-Malti, filwaqt li kull korrispondenza oħra tkun imwieġba bl-Ingliż. |
| **BINJIET** | Aċċess sħiħ għan-nies ta' kull abilità u ċertifikazzjoni regolari tas-sigurtà tal-binjiet mogħtija mill-awtoritajiet kompetenti. |
| **TALBA GĦAL INFORMAZZJONI PERMEZZ TAS-SIT ELETTRONIKU/IMEJL/ TELEFOWN/MIDJA SOĊJALI/ POSTA TRADIZZJONALI** | Tweġiba finali fi żmien 3 ijiem tax-xogħol. |
| **TALBA GĦAS-SERVIZZ** | Għamel referenza għall-Appendiċi 1 biex tara lista ta' servizzi. |
| **TELEFONATI** | Fil-jiem tax-xogħol, jitwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefown. |
| **RIKONOXXIMENT TAL-KOMUNIKAZZJONI** | Fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għall-informazzjoni jew applikazzjoni għal servizz. Din tista' ma tingħatax kemm-il darba s-servizz jew informazzjoni jingħataw fl-istess żmien. |

| | |
|---|---|
| **APPUNTAMENTI** | Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu pprovduti fi żmien jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun sa 3 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.<br><br>Meta tattendi għall-appuntament mhux se jkollok l-ebda ħin ta' stennija. Se nirrispettaw il-ħin mogħti lilek.<br><br>Jekk tasal tard, nirriżervaw id-dritt li l-appuntament tiegħek jerġa' jiġi skedat għal ħin/data differenti. |
| **ĦIN FIL-KJU (FEJN APPLIKABBLI)** | Inti tkun milqugħ/a mal-wasla tiegħek u jiġi mistoqsi lilek dwar x'għandek bżonn biex tinqeda. Tittieħed imbagħad għand l-uffiċjal li se jaqdik. Il-ħin fil-kju jkun ta' madwar 10 sa 15-il minuta f'ċirkostanzi normali. |
| **INFORMAZZJONI ONLINE** | L-informazzjoni fuq il-mezzi ta' komunikazzjoni tagħna tinżamm aġġornata. Jekk għandek aċċess għall-internet, tista' ssib informazzjoni rilevanti fuq is-sit elettroniku tagħna:<br><br>https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Pages/home.aspx |
| **METODI TA' PAGAMENT** | Pagamenti jiġu aċċettati onlajn skont l-applikazzjoni kkonċernata, fi flus kontanti fl-uffiċċju u permezz ta' ċekkijiet, indirizzati lid-Direttur Servizzi Korporattivi, MAFA. |

Barra minn hekk, il-ħin li jieħu s-servizz (dan hu l-ħin li jittieħed biex tiġi pproċessata applikazzjoni), il-kriterji tal-eliġibilità, u r-rekwiżiti tal-applikazzjoni li huma deskritti f'Sezzjoni 10 ta' dan id-dokument, għandhom japplikaw.

## 6. KIF TISTA' TIKKUNTATTJANA

Ladarba applikazzjoni jew talba għal informazzjoni tkun magħmula magħna, aħna se nkunu responsabbli biex nevalwawha, insegwuha, filwaqt li nżommuk infurmat biex niżguraw li inti tirċievi tweġiba definittiva.

L-assistenza tagħna tista' takkwistaha permezz tal-mezzi sussegwenti, fil-ħin speċifikat:

**A. L-uffiċċji tagħna:**
110, Triq Annibale Preca,
Ħal Lija, LJA1915

**B. Ħinijiet tal-ftuħ:**
1 ta' Ottubru – 15 ta' Ġunju:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa
07:30 – 12:30 u 13:00 – 15:30

16 ta' Ġunju – 30 ta' Settembru:
Mit-Tnejn sal-Ġimgħa 07:30 – 13:00

**C. Bit-telefown:**
Freephone 8007 2310 jew 2292 6535
jew 79008101.
Waqt il-ħinijiet t'hawn fuq imsemmija.

**D. Bl-imejl:**
plantprotection@gov.mt

**E. Minn fuq is-sit elettroniku tagħna:**
https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Pages/home.aspx

**F. Apps tal-Mobile:** Flora and Fauna

## 7. AĦNA QEGĦDIN GĦAD-DISPOŻIZZJONI TIEGĦEK

Aħna impenjati sabiex ngħinukom tiksbu l-informazzjoni u d-dokumenti neċessarji marbuta mas-servizz relatat.

Aħna niżguraw li inti:

- Tagħtina informazzjoni f'waqtha, sħiħa u eżatta. Meta nirċievu applikazzjoni mhux kompluta, aħna ninfurmawk dwar dak li jkun hemm bżonn aktar u ngħinuk biex iġġib id-dokumenti rekwiżiti, u biex timliehom b'mod korrett;
- Tieħu l-ħin tiegħek biex taqra l-applikazzjoni b'attenzjoni biex tkun tista' tgħinna nagħtu servizz f'waqtu;
- Tipprovdilna feedback biex inkomplu ntejbu s-servizz tagħna. Is-servizz tagħna huwa pprovdut minn tim dedikat u professjonali. Dan ma jfissirx li ma naċċettawx kummenti mingħandek sabiex inkunu nistgħu ntejbu s-servizz tagħna. Tista' tagħmel dan billi tuża l-mezzi kif indikati f'Sezzjoni 8 hawn taħt;
- Tikkomunika magħna b'mod ċar u konċiż bil-Malti jew bl-Ingliż;
- Tittratta lill-istaff tagħna bil-korteżija u r-rispett li jixraqlu, kif hu obbligat jittratta lilek.

Fuq is-sit elettroniku tagħna għandek issib kull applikazzjoni li teħtieġ flimkien ma' listi ta' dokumenti li għandek bżonn għal kull applikazzjoni.

## 8. FEEDBACK U LMENTI

Aħna impenjati li noffru Servizz ta' Eċċellenza u nirsistu li nġibu fis-seħħ titjib kontinwu fis-servizz tagħna lilek. Aħna niggarantixxu l-anonimità tiegħek u li l-feedback tiegħek jgħinna ntejbu s-servizzi tagħna.

Jekk taħseb li ħadna xi żball u/jew li l-istaff tagħna ma ġabx ruħu sew, jew li ma takx biżżejjed ħsieb u attenzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattjana.

Feedback u lmenti jistgħu jintbagħtu kif ġej:

**Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti**

- Personalment: billi tiġi fl-uffiċċji tagħna 110, Triq Annibale Preca, Ħal Lija LJA1915
- Bit-telefown: iċċemplilna freephone 8007 2310 jew 2292 6535 jew 79008101
- Bil-Posta: 110, Triq Annibale Preca, Ħal Lija LJA1915
- Bl-imejl: plantprotection@gov.mt
- L-app Rate the Public Service tista' titniżżel permezz tad-direttorju tal-maltapps jew ibbażata fuq il-web https://publicservice.gov.mt/mt/rtps/Pages/Home.aspx

**servizz.gov**

- Online: billi taċċessa s-sit elettroniku ta' servizz.gov, u tikklikkja fuq 'Issottometti lment' hawn: https://servizz.gov.mt/en/pages/file-a-complaint/default.aspx
- Bit-telefown: 153

**Meta tagħmel ilment:**

- Ikkwota n-numru ta' referenza li tkun ingħatajt fir-rigward tat-tranżazzjoni li tkun qed tilmenta dwarha;
- Speċifika x'inhi l-problema/każ; u
- Ipprovdi informazzjoni addizzjonali li kapaċi tgħinna nsolvu l-ilment tiegħek.

**Meta nindirizzaw l-ilmenti, aħna:**

- Niggarantixxu l-kunfidenzjalità tiegħek;
- Nirreferu l-każ tiegħek lill-Customer Care Unit u nibagħtulek rikonoxximent tal-komunikazzjoni fi żmien jum tax-xogħol;
- Nipprovdulek numru ta' referenza partikolari sabiex tkun tista' tiċċekkja l-istatus tal-ilment tiegħek meta trid.

Bħala proċedura normali, kull rikonoxximent ta' komunikazzjoni jingħata lill-benefiċjarji fl-istess jum li tkun saret it-talba għal informazzjoni jew li tkun saret l-applikazzjoni għas-servizz.

- Inwettqu investigazzjoni fuq il-problema/każ u nikkonkluduha malajr kemm jista' jkun, imma sa mhux aktar tard minn
  - 5 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn nistgħu nikkonkludu l-każ aħna) jew
  - 10 ijiem tax-xogħol (f'każijiet fejn irridu nakkwistaw feedback minn dipartimenti jew entitatjiet oħra)

  minn meta nkunu rċivejna l-ilment u l-informazzjoni rekwiżita kollha;
- Ninfurmawk bil-miktub dwar l-eżitu tal-investigazzjoni tagħna fuq l-ilment tiegħek sa mhux aktar tard minn jumejn tax-xogħol mill-konklużjoni tal-investigazzjoni.

Wara li nkunu għalaqna l-proċess tal-ilment tiegħek, aħna nimpenjaw ruħna biex nieħdu kwalunkwe azzjoni rimedjali fejn applikabbli, kif ukoll azzjoni korrettiva fejn neċessarju biex int ma terġax tesperjenza l-istess sitwazzjoni jew waħda simili.

### DIRETTORAT DWAR KWALITÀ TAS-SERVIZZ FI ĦDAN IL-PEOPLE & STANDARDS DIVISION

F'ċirkostanzi fejn l-appoġġ mistenni ma jkunx ingħata mill-mezzi indikati hawn fuq, int tista' tibgħat rapport lid-Direttorat dwar Kwalità tas-Servizz fi ħdan il-People & Standards Division b'imejl fuq qualityofservice-opm@gov.mt.

## 9. IMPENN GĦAL TITJIB KONTINWU

Bl-għan ta' Servizz ta' Eċċellenza u titjib kontinwu f'moħħna, dan iċ-Charter ta' Servizz ta' Kwalità se jiġi rivedut skont il-ħtieġa, u talanqas darba kull 12-il xahar biex ngħarblu l-prestazzjoni tagħna f'termini tal-istandards imwaqqfa f'dan iċ-Charter, kif ukoll f'dak li jirrigwardja l-mod ta' kif nilħqu l-aspettattivi tiegħek.

Dan il-proċess ta' reviżjoni se jkun ibbażat fuq:

- Politika tal-Gvern
- Data miġbura tal-operat (eż. servizzi offruti, servizzi mogħtija, eċċ.)
- Benchmarking
- Feedback
- Ilmenti
- Stħarriġ
- Assessjar tal-Kwalità tas-Servizz
- Eżerċizzji ta' Mystery Shopping

L-istandards tas-servizz ta' kwalità relattivi għas-servizzi pprovduti se jkunu mmonitorjati u mkejla. Ir-riżultati tar-reviżjoni interna u l-proċessi ta' monitoraġġ se jintużaw bħala bażi biex inkomplu ntejbu s-servizz.

# APPENDIĊI

## 10. APPENDIĊI 1

Aħna se niżguraw li ż-żmien li jieħu s-servizz, sakemm ikun fil-kontroll tagħna, se jiġi rrispettat. Meta s-servizz mitlub ikun jiddependi minn dipartimenti jew entitatjiet oħra, aħna kommessi li nsegwuh aħna stess sabiex inti tirċievi r-risposta finali fil-ħin.

| Servizz | Eliġibilità | Dak li huwa rikjest għal fini ta' konformità | Għażla ta' Applikazzjonijiet | Żmien stipulat li fih irid jingħata s-Servizz |
|---|---|---|---|---|
| Għoti ta' informazzjoni: mistoqsijiet ta' natura ġenerali. | Pubbliku ġenerali. | Mhux applikabbli. | Wiċċ imb wiċċ fl-uffiċċji f'Ħal Lija; bit-telefown fuq 8007 2310 jew 2292 6535 jew 7900 8101; jew b'imejl fuq: plantprotection@gov.mt | Mistoqsijiet bit-telefown jew walk-ins jitwieġbu immedjatament. Mistoqsijiet b'SMS jew fuq WhatsApp jitwieġbu f'ġurnata xogħol mit-talba. Mistoqsijiet b'imejl jirċievu konferma ta' rċivuta permezz ta' imejl awtomatika u r-risposta tingħata fi żmien jum tax-xogħol mid-data tat-talba. F'każ ta' mistoqsijiet kumplessi, ir-risposta finali tingħata fi żmien 3 ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba. |
| Għoti ta' informazzjoni: mistoqsijiet ta' natura teknika. | Pubbliku ġenerali. | Mhux applikabbli. | Wiċċ imb wiċċ fl-uffiċċji f'Ħal Lija; bit-telefown fuq 8007 2310/ 2292 6535 jew b'SMS/WhatsApp 79008101; jew b'imejl fuq: plantquarantine@gov.mt | Fejn possibbli, mistoqsijiet bit-telefown jew messaġġi b'SMS/WhatsApp, jew walk-ins jiġu indirizzati immedjatament.<br><br>Mistoqsijiet b'imejl jirċievu konferma ta' rċivuta permezz ta' imejl awtomatika u fejn possibbli r-risposta tingħata fi żmien jum tax-xogħol mid-data tat-talba. F'każ ta' mistoqsijiet kumplessi, il-klijent jiġi kkuntattjat fi żmien 3 ijiem tax-xogħol u jingħata risposta.<br><br>Meta jkun hemm bżonn spezzjoni, jingħata appuntament fi żmien jum tax-xogħol.<br><br>Kwalunkwe talba għal informazzjoni nieqsa tinħareġ fi żmien jum tax-xogħol u t-tweġiba finali tintbagħat fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta tasal l-informazzjoni addizzjonali. |
| Għoti ta' pariri rigward il-politika agrikola. | Pubbliku ġenerali. | Mhux applikabbli. | Wiċċ imb wiċċ fl-uffiċċji f'Ħal Lija; bit-telefown fuq 8007 2310/ 2292 6535 jew b'SMS/WhatsApp 79008101; jew b'imejl fuq: plantprotection@gov.mt | Fejn possibbli, mistoqsijiet bit-telefown jew walk-ins jiġu indirizzati immedjatament. F'każ li l-uffiċjal ma jkunx disponibbli personalment, il-klijent għandu jiġi kkuntattjat fi żmien jum tax-xogħol.<br><br>Mistoqsijiet b'imejl jirċievu konferma ta' rċivuta permezz ta' imejl awtomatika u r-risposta tingħata fi żmien jum tax-xogħol mid-data tat-talba.<br><br>Kwalunkwe talba għal informazzjoni nieqsa tinħareġ fi żmien jum tax-xogħol u t-tweġiba finali tintbagħat fi żmien 3 ijiem tax-xogħol minn meta tasal l-informazzjoni addizzjonali.<br><br>Għal talbiet kumplessi li jeħtieġu riċerka u konsultazzjoni, il-klijent jiġi infurmat fi żmien jum tax-xogħol u tingħata tweġiba finali fi żmien 10 ijiem tax-xogħol. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Notifika dwar organiżmi ta' ħsara miċ-ċittadini. | Iċ-ċittadini kollha, skont l-obbligi legali taħt l-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti 2001. Artiklu 20 (2). | Fil-każ li tkun meħtieġa spezzjoni biex tidentifika jew tivverifika l-preżenza ta' organiżmi ta' ħsara, il-klijent għandu jagħti aċċess lill-ispetturi. | In-notifiki jistgħu jsiru:<br>i) personalment fl-uffiċċji f'Ħal Lija.<br>ii) bit-telefown fuq 80072310/ 2292 6535.<br>iii) b'SMS jew WhatsApp fuq 79008101<br>iv) b'imejl fuq: plantquarantine@gov.mt<br>v) permezz tal-app 'Flora and Fauna' fuq smart phones. L-użu tal-app għandu jsir skont it-Termini u l-Kundizzjonijiet applikabbli. | In-notifiki kollha jiġu rrikonoxxuti fi żmien 24 siegħa<br><br>F'każijiet fejn tkun meħtieġa spezzjoni tas-sit, il-klijent jiġi mgħarraf bit-telefown, permezz ta' imejl jew stedina tal-kalendarju, bid-data u l-ħin tal-ispezzjoni, mill-inqas ġimgħa qabel.<br><br>Fil-każ ta' kwistjonijiet urġenti, l-ispezzjoni tas-sit għandha ssir malajr kemm jista' jkun.<br><br>Il-PPD jinforma lill-klijent bir-riżultat tan-notifiki bil-miktub (bil-posta kif ukoll bl-imejl), fi żmien jum tax-xogħol mill-ħruġ tar-riżultati tat-test. |
| Reġistrazzjoni ta' ksib ta' riżorsi ġenetiċi u l-ħruġ taċ-ċertifikat. | Entitajiet Akkademiċi u ta' Riċerka u professjonisti li għandhom fil-pussess tagħhom kollezzjonijiet ħajjin li jikkonsistu f'popolazzjonijiet ta' razza ta' annimal, varjetà ta' pjanta, jew organiżmi oħra li huma indiġeni, endemiċi, tradizzjonali, jew relikwi fin-natura, li oriġinaw f'Malta, jew ġew naturalizzati qabel it-12 ta' Ottubru 2014 skont ir-Regolament tal-UE 511/2014 u SL 549.111.<br><br>Irreferi għaċ-Checklist: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/registrationGenRes/userGuideRegistrationOfGeneticResources.pdf<br><br>Irreferi għaċ-Checklist: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/registrationGenRes/checklistRegistrationOfGeneticResources.pdf | L-applikazzjoni oriġinali stampata għandha tiġi sottomessa.<br><br>Applikazzjonijiet elettroniċi huma aċċettati jekk ikunu segwiti bis-sottomissjoni tal-oriġinali.<br><br>L-applikazzjoni għandha tinkludi:<br>• l-informazzjoni ta' kuntatt;<br>• informazzjoni dwar ir-riżorsi ġenetiċi;<br>• informazzjoni tar-repożitorju;<br>• informazzjoni dwar l-entità tat-tgħammir;<br>• informazzjoni dwar it-tgħammir;<br>• ktieb tal-merħla, jekk applikabbli;<br>• Ċertifikat tad-DNA jew karatterizzazzjoni morfoloġika minn espert professjonali, jekk applikabbli. | Il-formola tal-applikazzjoni tista' tiġi pprovduta personalment fl-uffiċċji f'Ħal Lija, jew tintbagħat bil-posta jew b'imejl billi tintbagħat talba fuq: plantprotection@gov.mt jew bl-applikazzjoni li tinsab onlajn fuq: https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Ambjent-Energija Biedja-u-Sajd/Biedja/Ortikultura/WEB05291/default.aspx | L-applikazzjonijiet jingħatalhom konferma ta' rċevuta fi żmien 24 siegħa minn meta jiġu riċevuti jew immedjatament jekk jingħataw personalment.<br><br>L-ivverifikar tal-applikazzjonijiet għal dokumenti jew informazzjoni nieqsa għandu jsir fi żmien jum tax-xogħol, u l-klijenti jiġu infurmati kif xieraq.<br><br>L-applikazzjoni tiġi pproċessata fi żmien 7 ijiem tax-xogħol, u wara dan il-klijent jiġi mgħarraf li l-applikazzjoni tiegħu/tagħha ġiet aċċettata jew miċħuda.<br><br>*Applikazzjonijiet aċċettati*: Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni jinħareġ fi żmien jum tax-xogħol mit-tlestija tal-ipproċessar tal-applikazzjoni. Il-klijent ikun mgħarraf u kopja taċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni jintbagħtlu bil-posta.<br><br>*Applikazzjonijiet miċħuda:* Applikazzjonijiet miċħuda jiġu mgħarrfa fi żmien ġurnata tax-xogħol mit-tlestija tal-ipproċessar tal-applikazzjoni. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Awtorizzazzjoni għall-aċċess u l-użu tar-riżorsi ġenetiċi nazzjonali għal skop ta' riċerka jew innovazzjoni kummerċjali jew mhux kummerċjali. | Individwi jew entitajiet li jixtiequ jaċċessaw jew jużaw riżorsi ġenetiċi u d-derivattivi tagħhom kif stipulat f' S.L. 549.111.<br><br>Irreferi għall-gwida: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/accessGenRes/userGuideAuthorisationAccessUseGeneticResources.pdf<br><br>Irreferi għaċ-Checklist: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/accessGenRes/checklistAuthorisationAccessUseGeneticResources.pdf | L-applikazzjoni oriġinali stampata għadha tiġi sottomessa.<br><br>Applikazzjonijiet elettroniċi huma aċċettati jekk ikunu segwiti bis-sottomissjoni tal-oriġinali. L-applikazzjoni għandha tinkludi:<br><br>• l-informazzjoni ta' kuntatt;<br>• informazzjoni dwar ir-riżorsi ġenetiċi;<br>• informazzjoni tar-repożitorju;<br>• informazzjoni dwar l-entità tat-tgħammir;<br>• informazzjoni dwar it-tgħammir;<br>• ktieb tal-merħla, jekk applikabbli;<br>• Ċertifikat tad-DNA jew karatterizzazzjoni morfoloġika minn espert professjonali, jekk applikabbli.<br>L-utent huwa marbut li jissottometti rapporti ta' progress annwali u dikjarazzjonijiet obbligatorji skont il-leġislazzjoni. | L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi onlajn fuq https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Ambjent_-Ener_ija_Biedja-u-Sajd/Biedja/Biedja/WEB05310/default.aspx<br><br>Jistgħu wkoll jiġu pprovduti personalment fl-uffiċċji f'Ħal Lija jew mibgħuta bil-posta jew b'imejl billi tintbagħat talba fuq: plantprotection@gov.mt | L-applikazzjonijiet tingħatalhom konferma ta' rċivuta fi żmien 24 siegħa minn meta jaslu jew immedjatament jekk jingħataw personalment.<br><br>L-ivverifikar tal-applikazzjonijiet għal dokumenti jew informazzjoni nieqsa jsir fi żmien jum tax-xogħol, u l-klijenti jiġu infurmati kif xieraq.<br><br>Wara l-ipproċessar amministrattiv u tekniku tal-applikazzjoni, il-klijent jiġi infurmat fi żmien 10 ijiem tax-xogħol jekk:<br>• l-applikazzjoni ġiet aċċettata u m'hemm bżonn l-ebda informazzjoni oħra.<br>• l-applikazzjoni hija sospiża minħabba informazzjoni nieqsa.<br>• l-użu ta' riżorsi ġenetiċi jaqa' 'l barra mill-ambitu u ma jeħtieġx PIC.<br>• hija miċħuda.<br><br>Jekk l-applikazzjoni ġiet aċċettata, ċ-ċertifikat diġitali jinħareġ u jintbagħat lill-klijent bl-imejl. |
| Reġistrazzjoni mal-Istat u l-ħruġ ta' liċenzji bħala konsulent tekniku f':<br>• ġestjoni integrata tal-pesti<br>• l-immaniġġjar tal-ħamrija<br>• standards tar-razza għat-Tiġieġa Sewda Maltija. | Individwi li jistgħu juru għarfien, kompetenza u riżorsi fis-suġġett skont id-dokumenti tal-Gwida tal-Utent.<br><br>Irreferi għall-gwida: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/technicalBlackChicken/userGuideRegistrationTechnicalAdvisorBreedStandardsMBC.pdf<br><br>Irreferi għaċ-Checklist: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/technicalBlackChicken/checklistRegistrationTechnicalAdvisorsBreedStandardsMalteseBlackChicken.pdf | L-applikazzjoni oriġinali stampata għandha tiġi sottomessa.<br><br>Applikazzjonijiet elettroniċi huma aċċettati wkoll jekk ikunu segwiti bis-sottomissjoni tal-oriġinali.<br><br>Il-ħlas ta' reġistrazzjoni ta' €50 huwa meħtieġ u dan ma jingħatax lura.<br><br>Iċ-ċertifikati tal-liċenzja huma validi għal tliet snin.<br><br>Għat-tiġdid tal-liċenzja, ikun hemm bżonn sottomissjoni ta' applikazzjoni ġdida. | L-applikazzjonijiet jistgħu jiġu sottomessi personalment fl-uffiċċji f'Ħal Lija, bil-posta jew b'imejl fuq: plantprotection@gov.mt | Konferma ta' rċivuta tinħareġ immedjatament għal walk-ins jew fi żmien 24 siegħa għall-applikazzjonijiet li jaslu bil-posta. Messaġġ awtomatiku jinħareġ għas- sottomissjonijiet b'imejl.<br><br>Fi żmien 15-il ġurnata minn meta tasal l-applikazzjoni, il-klijent jiġi infurmat b'imejl jekk l-applikazzjoni ġietx aċċettata jew le.<br><br>*Applikazzjonijiet aċċettati*: il-klijent huwa mitlub iħallas il-miżata ta' reġistrazzjoni permezz ta' flus kontanti jew ċekk fi żmien 15-il ġurnata min-notifika.<br>Fi żmien jum tax-xogħol mill-ħlas, il-klijent ikun reġistrat fir-Reġistru tal-Konsulenti Tekniċi. Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ffirmat jintbagħat lill-konsulent bil-posta fi żmien jum tax-xogħol mir-reġistrazzjoni.<br><br>*Applikazzjonijiet miċħuda*: l-applikanti jistgħu jappellaw bil-kitba liċ-Ċentru ta' Arbitraġġ fi żmien 15-il ġurnata min-notifika. |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Reġistrazzjoni mal-Istat fir-Reġistru Uffiċjali ta' Malta ta' operaturi professjonisti u l-ħruġ taċ-ċertifikat tal-konformità. | Individwi jew entitajiet involuti f'xi waħda mill-attivitajiet li ġejjin:<br>• jipproduċu, jinnegozjaw u jimportaw pjanti u prodotti tal-pjanti.<br>• jipproduċu jew iżommu kwalunkwe maħżen kollettiv jew ċentri ta' spedizzjoni.<br>• jittrattaw l-injam bi trattament bis-sħana skont ISPM15.<br><br>Irreferi għall-gwida: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/registrationMOR/userGuideRegistrationMaltaOfficialRegister.pdf<br><br>Irreferi għaċ-Checklist: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Documents/registrationMOR/checklistRegistrationProfessionalOperatorsMOR.pdf | L-applikazzjoni għandha tinkludi din l-informazjoni:<br>• Sistema ta' rekords disponibbli;<br>• Post għas-segregazzjoni tal-kunsinni;<br>• Żona xierqa għall-ispezzjoni preżenti fuq il-post.<br>• Lista tal-prodotti kkonċernati;<br>• Pjan ta' sit ġeoreferenzjat tal-post (jekk rilevanti);<br>• Pjan dettaljat għas-segregazzjoni tal-kunsinna f'każ ta' suspett / infestazzjoni minn organiżmi ta' ħsara (jekk rilevanti).<br><br>Il-konformità ma' dawn il-kriterji tiġi vverifikata wkoll matul l-ispezzjoni fuq il-post, jekk applikabbli.<br><br>Iċ-Ċertifikat ta' Konformità MOR huwa validu għal sena mid-data tal-ħruġ. | Operaturi kummerċjali jistgħu jimlew l-applikazzjoni fuq: https://www.servizz.gov.mt/mt/Pages/Ambjent_-Ener_ija_-Biedja-u-Sajd/Biedja/Ortikultura/WEB05265/default.aspx<br><br>L-applikazzjonijiet jistgħu wkoll jiġu sottomessi personalment fl-uffiċċji ta' Ħal Lija jew bil-posta.<br><br>Talbiet għal assistenza dwar kif għandha timtela l-applikazzjoni jistgħu jsiru bit-telefown fuq 8007 2310/2292 6535 jew b'messaġġ SMS jew WhatsApp fuq 79008101 jew b'imejl fuq plantquarantine@gov.mt | Konferma ta' rċivuta tinħareġ immedjatament għal walk-ins jew fi żmien 24 siegħa għal applikazzjonijiet li jaslu bil-posta. Messaġġ awtomatiku jinħareġ għal sottomossonijiet bl-e-forms.<br><br>Appuntament ikun skedat fi żmien jum tax-xogħol minn meta tasal it-talba għal assistenza biex timtela l-applikazzjoni.<br><br>Applikazzjonijiet kompluti jiġu riveduti u vvalutati fi żmien 3 ijiem tax-xogħol u appuntament għal spezzjoni għandu jiġi skedat matul dan il-perjodu.<br><br>Fi żmien 5 ijiem tax-xogħol mill-ispezzjoni, il-klijent jirċievi rapport ta' spezzjoni u ċertifikat ta' konformità permezz ta' imejl. F'każ ta' nuqqasijiet, il-klijenti jiġu mgħarrfa u jingħataw perjodu ta' konċessjoni biex jirrettifikaw u jkomplu l-proċess.<br><br>Iċ-ċertifikat ta' konformità jintbagħat bil-posta lill-klijent fi żmien jum tax-xogħol mir-reġistrazzjoni. |
| Ħruġ ta' ċertifikati fitosanitarji jew ċertifikati fitosanitarji għall-esportazzjoni jew esportazzjoni mill-ġdid. | Operaturi professjonali reġistrati li jixtiequ jesportaw pjanti, materjal tal-pjanti, żrieragħ, u affarijiet oħra li ġejjin mill-pjanti barra minn Malta lejn pajjiżi terzi, f'konformità ma' S.L. 433.03. | Klijenti li jeħtieġu ċertifikati fitosanitarji għandhom jinnotifikaw lill-uffiċjal responsabbli mhux aktar tard minn 48 siegħa qabel il-ħin skedat tal-esportazzjoni.<br><br>Miżati japplikaw skont ir-regolament 19A u l-Iskeda XXVI ta' S.L. 433.03.<br><br>Jistgħu japplikaw ħlasijiet addizzjonali skont ir-Regolament 19A (1) (b); 19A (2) (ħlasijiet ta' sahra); 19A (4) (a) (spejjeż tat-trasport); u 19A (5) (ħlasijiet ta' dewmien). | Talbiet għall-ħruġ taċ-ċertifikat isir billi tintbagħat imejl fuq: plantquarantine@gov.mt.<br><br>Bid-dettalji li ġejjin:<br>• Dettalji u indirizz tal-esportatur;<br>• Indirizz tal-importatur (u pajjiż); Numru tal-kontenitur;<br>• Numru tas-siġill;<br>• Polza tat-tagħbija;<br>• Komodità jew isem xjentifiku tal-komodità;<br>• Piż nett u gross tal-kunsinna. Dettalji jinsabu fuq: https://agrikoltura.gov.mt/en/phd/Pages/phytosanitaryCertificates.aspx | Malli tasal it-talba, għandu jingħata appuntament fi żmien 24 siegħa sabiex il-PPD iwettaq spezzjoni tas-sit (inklużi spezzjonijiet dokumentarji u kontrolli fitosanitarji u biex joħroġ ċertifikat għall-esportazzjoni jew l-esportazzjoni mill-ġdid. Dan isir fi żmien 48 siegħa minn meta jiġi notifikat mill-klijent.<br><br>Iċ-ċertifikat m'għandux jinħareġ qabel 14-il jum tax-xogħol qabel id-data li fiha l-pjanti, il-prodotti mill-pjanti jew prodotti oħra jitilqu minn Malta. |

NOTES

SERVIZZ
**PUBBLIKU**
*dejjem aħjar għalik*